**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 ta' Gunju, 2021**

Rikors Numru: 197/20 AL

AB

vs

Dr. Leontine Calleja u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud 'digriet tal-14 ta' Jannar 2021 gew nominati bhala kuraturi deptuati sabiex jirrapprezentaw lil CD

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbatax (14) ta' Frar elfejn u tmienja (2008) ġewwa Bergamasco fl-Italja, liema ċertifikat taz-zwieg hu hawn anness bhala Dok. "GM1";

2. Illi l-partijiet ilhom separati *de* facto ghal izjed minn hames snin u cioe` mill-20 ta' Novembru 2014 stante li minn dakinhar bdew jghixu mhux biss hajja separata izda hajja f'pajjiz differenti.

3. Illi minn dan iz-zwieg qatt ma twieldu tfal;

4. Illi huma qatt ma stabbilixxew residenza f'Malta flimkien;

5. Illi l-partijiet kienu jghixu flimkien ir-Repubblika Domenikana meta fl-20 ta' Novembru 2014, ir-rikorrenti ma baqax izjed jghix ir-Repubblika Domenikana u dan wara li diga kienu qed jghixu hajja totalment separata;

6. Illi r-rikorrenti mar ighix ghal xi zmien lura f'pajjizu, l-Italja, sakemm imbaghad fi Frar 2015, ir-rikorrenti gie jghix wahdu Malta sabiex jibda hajja gdida f'Malta;

7. Illi r-rikorrenti ghandu domicilju f'Malta stante li ilu jghix u ghandu xoghol fiss f'Malta ghal diversi snin;

8. Illi z-zwieg bejn il-partijiet qatt ma gie rregistrat Malta;

9. Illi l-partijiet qatt ma ghexu flimkien gewwa Malta u qatt ma stabbilixxew flimkien id-domicilju taghhom f'Malta;

10. Illi qatt ma giet stabbilita l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u l-assi taghhom dejjem baqghu regolati separatament;

11. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum jghixu hajja totalment separata minn xulxin tant li jghixu f'pajjizi separati;

12. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;

13. Illi dawn il-fatti kif hawn fuq elenkati jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

14. Illi wara medjazzjoni numru 662/2020, b'digriet taghha tas-7 ta' Ottubru, 2020, din l-Qorti awtorizzat lill-espoennti jipprocedi ghal divorzju taz-zwieg tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok. GM2;

15. Illi ai termini tal-Artikolu 66N tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-esponent ghandu residenza f'Malta, il-Qrati ta' Malta ghandom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu din il-kawza u konsegwentement l-esponent ghandu d-dritt li tali proceduri jigu intavolati quddiem din il-Qorti;

Talab lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-partijiet ilhom separati *de* facto ghal izjed minn hames (5) snin u dan ghal ragunijiet gravi skont il-ligi;
2. Tiddikjara z-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti nhar l-erbatax (14) ta' Frar elfejn u tmienja, (2008), f'Bergamo, fl-Italja, bhala mahlul ai termini tal-Artiklu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement kull parti hija meqjusa bhala mahlula miz-zwieg minn mal-parti l-ohra;
3. Tapplika l-provvidimenti tal-artiklu 66L(1) sa (4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tordna li s-sentenza moghtija minn din il-Qorti tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jew dik l-awtorita` kompetenti skont ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, sabiex tigi registrata ai fini u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata, li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha ppremettew:

1. Illi f'dan l-istadju m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta ohra, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-konvenuta li lilha qeghdin jirrapprezentaw u f'dan ir-rigward qeghdin jitolbu lill-attur sabiex jipprovdilhom l-indirizz postali, elettroniku jew numru tal-mobajl li jista' jkollu sabiex huma jkunu jistghu jistabilixxu kuntatt mal-konvenuta;
2. Illi l-attur ghandu jipprova a sodisfazzjon ta' din il-Qorti li l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin ghal aktar minn erba` snin u li m'ghandhom l-ebda assi tal-kommunjoni tal-akkwisti;
3. Salv id-dritt li jipprezentaw risposta jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Jannar 2021;

Semghet lil Dr. Leontine Calleja ghall-intimata twiegeb illi l-intimata ma toggezzjonax li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom *de facto* separati mill-20 ta' Novembru 2014;

Illi l-partijiet għaddew minn proceduri ta' medjazzjoni u ngħata digriet fejn ġew awtorizzati jipproċedu għal divorzju fis-7 ta' Ottubru 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment kif anka rrizulta minn affidavit tal-partijiet;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu a karigu tar-rikorrenti;

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.